MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 1029/2003

**Untours Insurance Agents Ltd ghall-Qatar Insurance Company surrogate fid-drittijiet ta' Emmanuel Cuschieri u l-istess Emmanuel Cuschieri**
**vs**

**Stone Maria Dolores u b'digriet tal-11 ta' Lulju, 2003, giet ordnata l-korrzzzjoni fis-sens illi l-isem "Maria Dolores" jinqara Jonathan**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-atturi fit-12 ta' Settembru, 2003 fejn intalab:**
**Dikjarazzjoni li l-konvenuta kienet responsabbli ghall-incident stradali li sehh f'Tal-Pieta` fl-20 ta' Dicembru, 2002 bejn KIA Mentor numru JAB-403 misjuqa mill-attur u Ford Escort numru BER-083 misjuqa, kontra l-"one-way", mill-konvenut; u kkundanna lill-konvenut li jhallas in linea ta' danni, l-erba' mija u tmienja u hamsin lira Maltija u tmienja u sittin centezmu**

**(Lm458.68) lill-Untours Insurance Agents Ltd, u hamsa u ghoxrin lira (Lm25.00) lil Emmanuel Cuschieri.**
**Bl-ispejjez, komprizi hdax-il lira u hamsin centezmu (Lm11.50) ta' consult u dawk tal-ittra ufficjali prezentata mal-avviz ai termini tal-Kap.104 u bl-imghax min-notifika ta' dana l-avviz kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-12 ta' Gunju, 2003, fejn intqal illi t-talbiet attrici huma kontestati bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom;**
**Illi l-incident in kwistjoni sehh minghajr htija tal-konvenut, imma anzi minhabba n-negligenza tal-assigurat tal-kumpanija attrici.**

**Semgha x-xhieda ta' PS 860 Keith Caruana, Emmanuel Cuschieri, Mario Mifsud u Jonathan Stone. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Illi dan il-kaz jirrigwarda incident li sehh fl-20 ta' Dicembru, 2002, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAB-403 misjuqa mill-attur, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BER-083 misjuqa mill-konvenut. L-incident sehh fi triq Joe Gasan, Pieta`.**
**2. Il-fatti dwar il-kaz huma s-segwenti. L-attur kien qed isuq fi Triq l-Ispartani intenzjonat li jidhol fi Triq Gasan. Il-konvenut kien ghaddej minn Triq Gasan kontra l-"one-way". Jidher li hekk kif l-attur qabez l-istop sign saret il-kollizzjoni.**
**3. L-attur jghid li kif wasal hdejn l-istop sign waqaf u hares fuq ix-xellug, minn fejn jigu l-karrozzi.**
**4. Il-konvenut minflok kien ghaddej kontra l-"one-way". Ghalkemm prima facie il-konvenut kien qed jikser ir-regolamenti, dan ma hux necessarjament determinanti ghall-kwistjoni dwar responsabilita` ghalkemm definitivament ghanda certu piz kontra l-istess konvenut. Kif inghad fis-sentenza "Maria Vella**

**Galea vs Oreste Sammut", deciza fil-5 ta' Ottubru, 1998 mill-Qorti ta' l-Appell:**
**"Riflessjonijiet kontravenzjonali li bl-ebda mod ma jincidu fuq ir-regolamenti li s-sewwieq kien obbligat josserva ghal sewqan prudenti u li ma jkunux rilevanti ghall-elementi ta' fatt li jikkostitwixxu l-eventi li taw lok ghas-sinistru, huma naturalment passibbli u punibbli f'sede ohra, imma m'ghandhomx u ma ghandux ikollhom rilevanza biex jigi stabbilit min kellu htija ghall-incident."**

**5. Jigi rilevat inoltre li kif ritenut mill-Qorti ta' l-Appell:**
**"Tnejn huma l-principji generalment akkolti fid-dottrina u fil-gurisprudenza, estera u lokali, in materja ta' ncidenti ta' traffiku stradali, li ghandhom jirregolaw l-investiment ta' vetturi, jigifieri:- Hu obbligu ta' kull driver li jirregola s-sewqan tieghu skond il-kondizzjonijiet u c-cirkustanzi, bhal ma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vejikolu, l-istat ta' l-art, u rapporti ohra kontingenti; u hu anke dmir ta' driver li jzomm dik li komunement tissejjah "a reasonable careful look-out", liema dmir igib mieghu li driver jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli." (App.Civ. Giuseppa Debono vs Philip Camilleri et. Vol.XLVI-I-112)**
**6. It-Tribunal gja kellu l-opportunita` li jesprimi ruhu fuq din il-materja fil-kawza "Salvu Zahra vs Farrugia" deciza fis 6 ta' Gunju, 2003. pero` ma hemmx dubbju li kull kaz irid jitqies fil-fattispecie partikolari tieghu sabiex jigi determinat il-grad ta' responsabilita` ta' kull wiehed mis-sewwieqa involuti fil-kollizzjoni.**
**7. Fil-kaz prezenti, skond ma xehed il-konvenut, f'Gasan Street kien hemm tabella li tindika liema haga wiehed ghandu jidhol, pero` din it-tabella kienet imdawwra, b'mod li l-konvenut seta' kien li gie ingannat u haseb li kien ghaddej tajjeb meta fil-fatt kien ghaddej kontra l-"one-way". Dana jikkontrasta ma dak li hemm rappurtat fl-okkorrenza fis-sens li "a tempo vergine" ma jirrizultax li ta din il-versjoni tal-fatti, u kien qal li ma rreallizax li kien ghaddej kontra l-**

**“one way”. Li kien hemm t-tabelli li jindikaw li t-triq kienet “one way” hu konfermat minn PS 860 Keith Caruana. Ghalhekk fic-cirkostanzi it-Tribunal hu tal-fehma li l-konvenut fil-fatt kien jaf li kien ghaddej kontra l-“one way”. F’dan is-sens ma hemmx dubbju li l-konvenut kien negligenti, u kien jinkombi lilu jezercita hafna aktar diligenza mill-attur.**

**8. Jirrizulta li l-attur waqaf fuq l-istop sign fi Triq l-Ispartani qabel ma hareg fi Triq Gasan. Jirrizulta li l-attur hares fuq ix-xellug tieghu minn fejn jigu karrozzi, u beda hiereg. Fi kliem l-attur: “Meta harist fuq il-lemin kont gja bdejt insuq.” F’dan ir-rigward l-attur kien ukoll negligenti, peress li hareg minghajr ma hares jekk kienx gej xi hadd jew xi haga minn naha l-ohra tat-triq. Pero` definitivament l-attur ma kienx negligenti fl-istess grad li kien il-konvenut.**

**9. Ghalhekk it-Tribunal tenut kont ta’ dak li ntqal, qed isib lill-konvenut responsabbli ghall-incident li sehh fi grad ta’ zewg terzi, filwaqt li l-attur kien responsabbli fi grad ta’ terz.**

**10. Bhala danni l-ammont mitlub jirrizulta pruvat mid-dokumenti esebiti. Konsegwentement il-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta’ tlett mija tnejn u ghoxrin lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm322.45), salv u impregudikat kull dritt tal-konvenut ghas-sehem tieghu tad-danni.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt qed isib lill-konvenut responsabbli ghall-incident imsemmi fi grad ta’ zewg terzi, jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici Untours Insurance Agents Ltd. is-somma ta’ mitejn u sebgha u disghin lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm297.45), u lill-attur is-somma ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00), bl-imghaxijiet legali fuq iz-zewg ammonti dekoribbli mill-lum.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati in kwantu ghall-zewg terzi mill-konvenut u terz mill-atturi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------